



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11661/20

COEST 202
CFSP/PESC 825

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 12 ta' Ottubru 2020

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 11660/20

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Belarussja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Belarussja kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fit-12 ta' Ottubru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Belarus

1. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Belarus kif ukoll fid-Dikjarazzjonijiet reċenti mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE, il-Kunsill jiddispjaċih ħafna li l-appell persistenti tal-poplu tal-Belarus għar-rispett tal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem tiegħu ma ngħatax widen mill-awtoritajiet Belarussi.
2. Il-Kunsill iddikjara l-elezzjonijiet Presidenzjali tad-9 ta' Awwissu bħala la ħielsa u lanqas ġusti. Rapporti kredibbli ta' osservaturi domestiċi juru li l-proċess elettorali ma ssodisfax il-leġislazzjoni tal-Belarus stess u l-impenji internazzjonali tagħha. A. Lukashenko m'għandu l-ebda leġittimità demokratika. Il-poplu tal-Belarus qed jitlob b'mod ċar elezzjonijiet ġodda. F'dan l-isfond, l-UE tappoġġa sejħiet leġittimi għal elezzjonijiet presidenzjali ġodda, ħielsa u ġusti f'konformità mal-istandards internazzjonali u taħt l-osservazzjoni tal-OSKE/ODIHR.
3. Il-Kunsill itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għas-sovranità u l-indipendenza tal-Belarus. Il-Kunsill jissottolinja d-dritt demokratiku tal-poplu tal-Belarus li jeleġġi l-President tiegħu permezz ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti ġodda, mingħajr indhila estern. Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u t-tweqqif ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti fir-rigward tar-rieda demokratika tal-poplu tal-Belarus biss ser jiggwarantixxu l-istabbiltà u s-sovranità fit-tul tal-Belarus.
4. L-UE tappella lill-awtoritajiet Belarussi biex ifittxu soluzzjoni paċifika u demokratika għall-kriżi permezz ta' dialogu nazzjonali inklużiv mas-soċjetà inġenerali, b'mod partikolari l-Kunsill ta' Koordinazzjoni. L-UE tkompli tappoġġa l-proposta tal-Presidenzi fil-Kariga attwali u li jmiss tal-OSKE biex jiġi ffaċilitat dan id-dialogu. L-UE ser tippromwovi tali approċċ mal-atturi internazzjonali kollha u jiddispjaċiha li l-Belarus, bħala Stat parteċipanti tal-OSKE, mhijiex qed tirrispondi għal din l-offerta.

5. Il-Kunsill jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza użata mill-awtoritajiet Belarussi kontra d-dimostranti paċifiċi, inkluż iż-żgħażaġh u n-nisa, u l-bosta każijiet ta' tortura u vjolenza sesswali. Huwa jappella lill-awtoritajiet biex jeħilsu immedjatament u mingħajr kondizzjonijiet lill-persuni kollha detenuti b'mod arbitrarju, inkluż il-priġunieri politiċi u l-ħaddiema tal-media. Il-Kunsill iħeġġeġ bil-qawwa lill-awtoritajiet Belarussi biex jinvestigaw bis-sħiħ il-ksur u l-abbużi kollha tad-drittijiet tal-bniedem, u biex itemmu l-persekuzzjoni tal-persuni involuti fil-moviment favur id-demokrazija, il-media indipendenti u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, inkluż il-membri tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni, kif ukoll biex jiżguraw kondizzjonijiet li jippermettu liċ-ċittadini tal-Belarusija jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tal-libertà ta' opinjoni, ta' espressjoni u ta' għaqda.
6. L-UE hija determinata li tindirizza s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarusija u timmobilizza l-komunità internazzjonali b'appoġġ għall-poplu tal-Belarusija, inkluż fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, l-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni tar-Risoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarusija fil-45 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u jappella lill-Belarusija biex timplimenta u tippermetti aċċess sħiħ għar-Rapporteur Speċjali tan-NU għall-Belarusija u tikkoopera ma' Rapporteurs Speċjali oħra tan-NU. L-UE jiddispjaċiha għan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Belarusija fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-OSKE f'Moska li ngħata l-mandat biex jinvestiga l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarusija.
7. Il-Kunsill impona sanzjonijiet, li jikkonsistu fi projbizzjoni fuq vjaġġar u ffriżar tal-assi, kontra persuni responsabbli għan-natura frodulent tal-elezzjonijiet presidenzjali u r-repressjoni vjolenti tal-protesti paċifiċi. Il-lista ta' persuni fil-mira ser tkun rieżaminata b'mod kostanti. F'konformità mal-approċċ gradwali tal-UE, l-UE tinsab lesta li tieħu aktar miżuri restrittivi, inkluż kontra entitajiet u uffiċjali ta' livell għoli, inkluż A. Lukashenko.

8. Fid-dawl tal-iżviluppi, il-Kunsill iddeċieda li jirrevedi r-relazzjonijiet tal-UE mal-Belarus. L-UE ser:

- a) Tnaqqas il-kooperazzjoni bilaterali mal-awtoritajiet Belarussi fil-livell ċentrali u żżid l-appoġġ tal-UE għall-poplu u s-soċjetà ċivili tal-Belarus; Teskludi minn din il-kooperazzjoni l-istituzzjonijiet responsabbli għall-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem.
- b) Tikkalibra mill-ġdid l-assistenza finanzjarja bilaterali tal-UE lill-Belarus sabiex tiżgura li din tkun ta' benefiċċju għall-popolazzjoni inġenerali, b'mod partikolari billi tidderiġiha kemm jista' jkun lil hinn mill-awtoritajiet ċentrali u lejn atturi mhux statali, lokali u reġjonali, inkluż permezz ta' programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera.
- c) Tkompli l-impenn mal-Belarus dwar kwistjonijiet ta' interess għall-UE u s-soċjetà tal-Belarus.
- d) Fi ħdan il-qafas multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant, u bl-eċċezzjoni tal-istituzzjonijiet responsabbli għall-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, iżżomm il-kooperazzjoni mal-Belarus fil-livell mhux politiku, u tintensifika l-kooperazzjoni ma' partijiet ikkonċernati ewlenin mhux statali tal-Belarus.

Fid-dawl tad-deċiżjoni ta' hawn fuq, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) ser jirrevedi l-operazzjonijiet tiegħu fil-Belarus. L-Istati Membri tal-UE ser jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom kif xieraq ukoll fi ħdan il-Bord tad-Diretturi tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ).

9. L-UE tappoġġa lill-poplu tal-Belarus u għamlet immedjatament disponibbli riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-vittmi tal-vjolenza, għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għall-media indipendenti. L-UE qed taħdem fuq miżuri biex tipprovdi aktar appoġġ urġenti u fuq perijodu medju lis-soċjetà ċivili tal-Belarus, inkluż iż-żgħażaġh, il-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u l-media indipendenti, kif ukoll lis-setturi privati u tas-saħħa.

10. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-kuntatti bejn il-persuni. Il-konklużjoni tal-ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża kienet pass importanti f'dan ir-rigward. Ser ikompli jiġi offruti possibbiltajiet lill-poplu tal-Belarużja biex jipparteċipa fi programmi ta' skambju Ewropej bħal Erasmus+, Orizzont Ewropa jew fi ħdan inizjattivi tas-Šhubija tal-Lvant. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-Università Belaruża f'eżilju: l-Università Ewropea tal-Istudji Umanistiċi f'Vilnius u ser toffri boroż ta' studju u skemi ta' mobilità addizzjonali.
11. Il-Kunsill jissottolinja li s-sikurezza u s-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari huma prijorità ewlenija għall-UE u jibqgħu ta' importanza kbira għar-relazzjonijiet tal-UE mal-Belarużja. B'referenza għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019 u tat-2 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Belarużja biex tikkonforma mal-ogħla standards internazzjonali ambjentali u ta' sikurezza u timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-UE dwar is-simulazzjonijiet ta' kriżi mingħajr dewmien. F'dan ir-rigward, huwa jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni bejn il-Belarużja u l-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (ENSREG) fil-proċess ta' simulazzjoni ta' kriżi, inkluż rieżami u monitoraġġ formali tal-implimentazzjoni urġenti tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tal-Belarużja mill-ENSREG.
12. Il-Kunsill jenfasizza li l-UE hija lesta li żżid sostanzjalment l-impenn politiku, il-kooperazzjoni settorjali u l-assistenza finanzjarja tagħha lill-Belarużja, dment li l-awtoritajiet tagħha jirrispettaw il-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem u:
- a) Iwaqqfu r-ripressjoni u l-abbużi kollha tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni involuti fil-moviment favur id-demokrazija, il-media indipendenti u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili;
 - b) Jeħilsu, jirriabilitaw u jagħtu kumpens finanzjarju lill-priġunieri politiċi;
 - c) Jipprovdu kundizzjonijiet sikuri għar-ritorn ta' daww f'eżilju politiku u furzat;
 - d) Jippromwovu proċess politiku serju, kredibbli u inklużiv li jirriżulta f'elezzjonijiet ħielsa u ġusti taħt l-osservazzjoni tal-OSKE/ODIHR;
 - e) Jipprovdu garanziji għar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-libertajiet ta' opinjoni u espressjoni, ta' informazzjoni, ta' għaqda u assoċjazzjoni, kif ukoll il-libertà tal-media.

13. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-UE tinsab lesta li tappoġġa tranżizzjoni demokratika paċifika fil-Belarussja. Jekk isseħħ tali tranżizzjoni, u fuq talba tal-gvern tal-Belarussja, l-UE ser tuża varjetà ta' strumenti f'konformità mal-politika tas-Sħubija tal-Lvant. Fost l-oħrajn għandu jiġi kkunsidrat dan li ġej:

- a) Id-dħul f'negozjati dwar ftehim qafas bejn l-UE u l-Belarussja;
- b) It-tisħiħ tal-kooperazzjoni settorjali u ż-żieda fil-parteċipazzjoni fil-programmi tal-UE u l-kooperazzjoni mal-aġenziji tal-UE.
- c) It-tnedija ta' pjan komprensiv ta' appoġġ ekonomiku għal Belarussja demokratika inkluż:
 - Assistenza finanzjarja u teknika sostanzjali għal riformi istituzzjonali u żvilupp ekonomiku fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali;
 - It-tkomplija tat-taħditiet dwar riformi ulterjuri meħtieġa biex jippermettu l-assistenza makrofinanzjarja tal-UE;
 - Żieda sostanzjali fl-operazzjonijiet tal-BEI u tal-BERŻ;

L-UE ser tkompli tappoġġa wkoll lill-Belarussja fl-adeżjoni tagħha mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Il-Kunsill ifakkar li fi ħdan is-Sħubija tal-Lvant, fi żmien debitu u jekk il-kondizzjonijiet ikunu jippermettu, kooperazzjoni msaħħa u progress ulterjuri fil-qasam tal-politika dwar il-viżi, bħall-ftuħ ta' djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża, huma possibbli bil-prekondizzjoni ta' implimentazzjoni sostnuta u effettiva tal-ftehimiet għall-faċilitazzjoni tal-viża u r-riammissjoni kif ukoll mobilità ġestita tajjeb u sigura.

14. Il-Kunsill għadu impressjonat bil-perseveranza tal-poplu tal-Belarussja u l-impenn tiegħu għal futur demokratiku ta' pajjiżu. Il-poplu tal-Belarussja jistħoqqlu aħjar u t-talba tiegħu għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti ġodda għandha tingħata tweġiba pożittiva. Huwa biss dialogu nazzjonali inklużiv ma' firxa akbar tas-soċjetà, b'mod partikolari l-Kunsill ta' Koordinazzjoni, li jista' jwassal għal soluzzjoni paċifika u sostenibbli tal-kriżi. L-UE tistenna li s-sħab kollha tal-Belarussja jappoġġaw dan id-dialogu. L-UE tappoġġa dan l-oġettiv u tieqaf mal-poplu tal-Belarussja.
-